Minuti tat-42 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 2 ta' Dicembru, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 2.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Shirley Ann Cecchini<br>Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

L-Ambaxxatrici V16 Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u kienet ghalhekk qed tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-41 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Data gdida ghall-inawgurazzjoni tal-monument ta' l-Isqof Nikol G. Cauchi**

2.1 Saret diskussjoni dwar id-data l-gdida tal-Monument fejn il-Kunsill qabel li id-data ghandha tithalla ghal wara l-festi tal-Milied u l-ewwel tas-Sena. Il-Kunsill qabel li ser isir komunikat mall-Ministru ghal Ghawdex u ma' l-Isqof sabiex tinstab data li takkomoda lit-tnejn li huma.

2.2 Is-Sindku gibed ghall-attenzjoni tal-membri li ghadha kif giet approvata l-applikazzjoni tan-*network of twinned towns*. Is-Sindku wera x-xewqa li l-lokalitajiet imsiehba jkunu mistiedna ghall-ewwel laqgha propju fil-jiem meta ser ikun inawgurat il-monument. Is-Sindku kompla li din tista' tkun okkazjoni ufficcjali fejn dawk prezenti ser ikunu jistghu jiltaqghu ma' l-awtoritajiet govenattivi kif ukoll eklesjastici tal-gzira. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dawn ghandhom ikunu mistiedna bil-Kunsill jipprovdi it-transport intern u akkomdazzjoni *half board*.

**3.0 Attivitajiet – Zjara mill-E.T. President ta' Malta**

3.1 Il-Kunsill gie infurmat li l-President ser tkun qeghda zzur il-lokalita' ta' l-Gharb bhala parti mill-kampanja Istrina nhar il-Hadd 20 ta' Dicembru, 2015. Gie diskuss il-programm fejn ser isir simili ghas-sena l-ohra li jinkludi fih marc u daqq mill-

banda, partecipazzjoni tal-kor tal-parrocca, prezentazzjoni ta' tokens lit-tfal tal-parrocca u prezentazzjoni tad-donazzjonijiet migbura lill-President. Fl-istess waqt jigi servut torta tal-lampuki u tazza inbid lil dawk prezenti. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li ma jistghux isiru donazzjonijiet min-naha tal-Kunsill.

**4.0 Attivitajiet tal-Milied tal-Kunsill**

4.1 Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet tal-Milied ghat-tfal tal-lokalita' fejn il-Kunsill qabel li tigi organizzata dawra bit-*train* u jinghata lilhom snack li jieqfu jiekluh f'Bethlem f'Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel li din il-harga ghandha ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Dicembru jew data disponibbli mill-operatur fejn it-*train* titlaq mill-Gharb fid-9.15am.

4.2 Il-Kunsill qabel ukoll li l-ikla tal-Kunsill ghandha ssir is-Sibt 19 ta' Dicembru fis-7pm. Post jigi indikat lill-Kunsilliera aktar 'il quddiem.

**5.0 Tizjin tal-Milied**

5.1 Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjoni ghad-dekorazzjonijiet tal-Milied wahda minghand 2cee Media u l-ohra minghand Chris Gauci. Il-kwotazzjoni tat-2cee Media li kienet l-irhas wahda kien hemm problema peress li xi dekorazzjonijiet kienu gew ibbukjati sal-hin tal-laqgha. Il-Kunsill ra li jkun xieraq li jkun hemm xi dawl fil-pjazza u matul Triq il-Knisja. Saru diversi suggerimenti fost ohrajn li jinhadmu festuni mill-haddiema sabiex jintuzaw matul Triq il-Knisja fis-snin li gejjin jew inkella nitolbu lill-Ambaxxatur sabiex jinstabu zghazagh li jkollhom maghhom electrian u jahdmu xi fistuni. Ghal din is-sena l-Kunsill qabel li jara jekk 2cee Media jkollux xi tizjin iehor li jista' joffri bi prezz vantaggjuz u jehel fil-jiem li gejjin. Kienet diskussa il-possibilita' li l-attivitajiet tal-Milied li ser jsiru fir-rahal ikunu publizzati peress li dawn thallew barra fil-program tal-Milied f'Ghawdex. Il-Kunsill qabel li ghandu jitqassam *leaflet* bl-isem Milied fl-Gharb.

**6.0 Skeda ta' Pagamenti**

6.1 **Skeda ta' Pagamenti**

L-Iskeda tal-Pagamenti giet appruvata unanimament mill-Kunsill.

**7.0 Korrispondenza u Materji ohra**

7.1 Il-Vici Sindku ssuggeriet sabiex issir zebra crossing fiz-zona tal-fgura fejn hemm l-ispizerija.

7.2 Is-Sindku spjega li l-materjal li l-Kunsill kien qed izomm gewwa l-muzew tas-subien kellu jitnehha ghaliex riedu jsiru xi xogholijiet f'dan il-post. Peress li ma kienx hemm wisa' fejn jizamm is-Sindku issugerixxa li dan ghandu jinzamm fil-garaxx ta' Louis Portelli fi Triq Felic Grech. Il-Kunsill qabel ma' dan.

7.3 Il-Vici Sindku ssuggeriet li l-bank li hemm fil-fgura jinghata zebgha. Il-Kunsill qabel li ghandu jintbghat haddiem sabiex jisboh dan il-bank.

7.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li gie infurmat li nhar il-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015 ser ikun qed isir l-iffirmar tal-ftehim minhabba l-progett tan-*Night Shelter* fuq il-kazin tal-Banda kif diga kien hemm qbil fuqu waqt il-laqgha numru 39. Is-Sindku irtira mill-kamra u is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Vici-Sindku sabiex tipprocedi bil-laqgha. Il-Kunsill qabel unanimament u ikkonferma li dan il-progett huwa ta' beneficcju ghar-residenti u ghal daqs tant ghandu jmexxi bl-iffirmar.

7.5 Il-Vici Sindku qalet li r-rettur ta' Pinu kien qed jitlob il-koperazzjoni sabiex jitwahhlu sigar fuq l-gholja ta' Ghammar. Minkejja li l-Kunsill qabel mall-proposta

l-Vici-Sindku giet mitluba sabiex titlob lir-rettur jaghmel talba ufficcjali u jibghata lill-Kunsill sabiex tkun tista' tigi diskussa.

7.6 Il-Kunsill gie infurmat li waslet email minghand Victoria Sultana l-Manager tac-Child Care Centre li qeghda thalli c-centru. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jara x'kien jghid il-kuntratt u jara x'inhuma l-obbligi min-naha ta' Victoria Sultana. Mill-banda l-ohra l-Kunsill ghandu jiehu dan ic-Centu taht idejh u jara x'hemm bzonn sabiex is-servizz jibqa' jigi moghti minghajr waqfien. Il-Kunsill qabel li peress ir-rwol ta' Segretarju Ezekuttiv huwa wiehed iktar stabbli minn dak ta' Sindku li huwa rwol politiku bhala persuna responsabbli legali (LRP) ghandha tkun is-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.7 Il-Kunsill gie infurmat li s-Sur Nathan Cassar gie assenjat min-naha ta' l-ETC bhala front desk ghal perijodu ta' sitt gimghat. Din il-materja giet diskussa. Is-Sindku qajjem ghad-diskussjoni il-fatt li l-Kunsill qed jintuza hafna drabi sabiex jaghti *training* lill-hadiema taht hafna skemi offruti mill-Gvern. Is-Sindku kompla li dawn jirrikjedu hafna dedikazzjoni min-naha tas-Segretarju Ezekuttiv u l-iskrivana sabiex ikun possibli jinghata dan it-*training*. Kien hemm qbil li ghandha issir talba lid-Dipartimrnt sabiex dawn il-haddiema jkollhom post fis mall-Kunsill dejjem skond il-provedimenti tan-numru t' impjegati li jista' jkollu il-Kunsill.

7.8 Saret diskussjoni dwar il-grajjed ta' Triq Trux u stejjem ohra mibghuta minghand A&E Mintoff. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru dawn il-grajjed u xogholijiet ohra fl-istess stimi.

7.9 Is-Sindku qajjem il-punt dwar il-bdil ta' l-isem ta' Triq il-Knisja ghal Triq l-Isqof Nikol G. Cauchi. Gie spjegat li fl-2011 il-Kunsill kien ghamel talba ufficjali sabiex l-isem ta' Triq il-Knisja jinbidel ghal Triq l-Isqof Nikol G. Cauchi. Fl-2013, kienet saret talba ohra lill-istess kumitat ta' l-ismijiet tat-toroq fejn kienet saret talba sabiex il-Pjazzetta Zjara tal-Madonna quddiem ic-Centru Parrokkjali tissemma Triq l-Isqof Nikol G. Cauchi, Triq il-Vizitazzjoni tigi Triq l-Iskola u l-Pjazza principali tigi Pjazza Vizitazzjoni.

2.25pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha.

Is-Sindku kompla jghid li hassu fid-dover li jaqsam dan il-fatt fuq mezzi tal-medja socjali u li ircieva hafna kummenti. Kummenti ohra waslu permezz tat-telephone u sms's. Is-Sindku zied jghid li huwa kien qieghed iressaq dan bhala resoluzzjoni specjali li tghid "Qed inressaq din r-resoluzzjoni specjali sabiex tkun rispettata d-

decizjoni mehuda minn dan il-Kunsill fl-2013 sabiex il-Pjazza ta' hdejn ic-Centru tinghta isem Pjazza/ Misrah Nikol Guzeppi Cauchi"

Il-Kunsill qabel unanimament

7.10 Emanuel Muscat gie infurmat bl-ikla tal-Kunsill ghad-19 ta' Dicembru, 2015 fis-7pm.

7.11 Minghand M. Meilak & Associates fejn infurmaw lill-Kunsill li b'effett mill-1 ta' Jannar, 2016 mhux ser jibqa' joffri s-servizz ta' *accountant* lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jara x'offerti ohra hemm disponibbli fis-suq.

7.12 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali ghal Dicembru 2015 – Memo 22/2015 fejn il-Kunsill gie infurmat li ma kienx qed jigi moghti fondi.

7.13 Minghand Transport Malta fejn il-Kunsill gie infurmat li giet approvata t-talba ghal tabelli dwar gholi ta' vetturi li jghaddu minn parti minn Triq il-Knisja, Triq Trux, Triq Frenc ta' l-Gharb u Triq il-Blata.

7.14 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
*Notification of MEPA's fourth statement to the Environment and Planning Review Tribunal* – PA00086/11 – *To erect old people's home.*
161113 – *To construct dam for water retention* – Wied il-Mielah, l-Gharb – *Submission of Application following Screening Letter.*

DNO1396/15 – Proposed monument within village square. Il-Kunsill gie infurmat li din id-DNO giet approvata.

7.15 Emanuel Muscat qal li iridu jitrangaw barriers f'Wied il-Mielah peress li kien ta' periklu. Il-Kunsill qabel li ghandu jara kemm jiswew crash barriers.

7.16 Minghand il-LEAP dwar leaflet tal-Progett ESF3.234.

7.17 Minghand il-Windrose Project dwar il-Pinnur tar-Rih. Il-Kunsill gie infurmat li dan il-pinnur ser jehel fejn San Dimitri. Gie filfatt muri leaflet bid-disinn propost. Emanuel Muscat issugerixxa li bhala ghasfur tkun forma ta' pluviera. Il-Kunsill qabel mall-post fejn ghandu jehel il-pinnur u li ghandu jghaddi s-suggeriment dwar il-forma ta' l-ghasfur.

7.18 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-bzonn ta' servizz ta' handyman. Is-Sindku qal li huwa diga ddiskuta l-possibilita' jekk jaqbel il-Kunsill li l-haddiem Raymond Rotin wara li jaghmel il-gurnata tax-xoghol tieghu jaghmel hin extra ghal bzonnijiet li jkun hawn u anke' f'kaz ta' bzonn wara l-hin. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi avvicinat l-haddiem Raymond Rotin kif issuggerit mis-Sindku pero jekk dan ma jkunx qed iwettaq xogholu kif mitlub ghandu jitnehha minnufih u tinhareg offerta'.

7.19 Saret diskussjoni dwar l-ismijiet ta' l-isqaqien fejn il-Kunsill kien ippropona li jissemmew zewg sqaqien fi Triq San Pietru. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm problema ukoll minhabba l-area l-gdida li nbniet fi Triq San Pietru fejn ir-

residenti qed jiltaqghu ma' problema ta' numri doppji. Is-Sindku isugerixxa li dawn l-isqaqien jinghatawlhom l-isem bhala Sqaq ta' Gahan kif fil-fatt huma maghruf fil-prezent, Sqaq ta' Klara u fejn hemm il-blokka l-gdida tissemma Misrah il-wileg. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.
Il-Kunsill iddiskuta u qabel ukoll li l-isqaqien fi Triq Frenc ta' l-Gharb ghandhom jinghataw l-ismijiet bhala Sqaq Nru. 1 li jkun l-Isqaq fejn hemm id-dar ta' Frenc ta' l-Gharb u Sqaq Nru. 2 li jkun l-Isqaq iktar 'il fuq minnu.

## 8.0 Aggornament

8.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 6 ta' Jannar, 2016.

8.1 Il-laqgha spiccat hin 3.13pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv